# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Awwissu 2022**

**Rikors Numru : 217/2022 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MAM**

**Vs**

**CM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MAM datat 26 ta' April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu is-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja Parrokjali ta' San Gorg Hal Qormi, u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MM1';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, f'X twieled il-minuri JM, li llum ghandu l-eta' ta' dsatax-il (19) sena, kif jidher mic-certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MM2';*

3. *Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibbli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt data tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhla Dok. 'MM3' kif korrett permezz*

*ta' kuntratt iehor data sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono (Dok. 'MM4').*

4. *Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn erbatax (14) -il sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. 'MM3' u Dok 'MM4' l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha li tiehu u/jew tircievi manteniment filwaqt li r-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas manteniment ghall-minuri JM ta' mitejn u hames Ewro u sitta u erbghin centezmi tal-Ewro (€205.46) kull xahar.*

6. *Illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt surreferit u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew pretenzjonijiet ta' manteniment;*

7. *Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civli, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(i)* *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;*

*(ii)* *Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2022 u l-Qorti spjegatilha id-drittijiet legali taghha izda hi ddikjarat li ma tehtiegx assistenza legali u li mhux qed toggezzjona ghad-divorzju (vide fol 22);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MAM xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Ottubru 2000 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum ghandha dsatax-il sena. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan- Nutar Dr Ruben Casingena. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' ikkonferma illi l-manteniment lejn bintu dejjem thallas u ma hemm ebda pendenza.

**CM xehdet** (vide xhieda fol 18) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Ottubru 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 1778/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum ghandha dsatax -il sena.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena nhar it-30 ta' Ottubru 2007 (vide fol 5 et seqq.), liema kuntratt gie emendat nhar is-27 ta' Ottubru 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono (vide fol 12) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1778/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**